MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2006

Numru 111/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Portelli talli nhar l-24 ta' Ottubru 2005 ghal-habta tas-1.45 pm waqt li kien fl-inhawi ta' Majsa, limiti tan-Nadur, Ghawdex: (**1**) kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, (**2**) fl-istess data, hin u lok ingurja u hedded bil-kliem lil Peter Paul Portelli, (**3**) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Peter Paul Portelli, skond ma ccertifika Dott. Mario Saliba M.D., u (**4**) minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi kontra n-nies; l-ewwel Qorti

kienet mitluba li, minbarra l-piena, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-16 ta’ Marzu 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Portelli hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti, ikkundannatu multa komplessiva ta’ sittin lira (Lm60), u b’applikazzjoni ta’ l-Artkolu 383 tal-Kap. 9, ordnatlu “ma jimmolestax u ma jingurjax lil Peter Paul Portelli ghal periodu ta’ sena mil-lum taht penali ta’ mitt lira maltin fin-nuqqas”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Portelli, minnu ppresentat fid-29 ta’ Marzu 2006, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fl-udjenza tal-lum; semghet ukoll lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu, jekk taghsru, ilment wiehed u cioe` ilment fis-sens li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghet qatt issibu hati kif sabitu tal-erba’ imputazzjonijiet. Din il-Qorti, wara li regghet semghet il-provi kollha fl-udjenza tal-lum hi tal-fehma li l-appellant ghandu ragun in parti biss, u dan ghax mill-provi la tirrizulta ir-raba’ imputazzjoni u anqas tirrizulta it-tieni imputazzjoni – l-insult li jieder li kien hemm kien dirett mhux lejn Peter Paul Portelli. Mill-bqija, pero`, din il-Qorti tikkondividi pjenament il-konkluzzjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar l-ewwel u dwar it-tielet imputazzjonijiet. Ghalhekk ser ikun hemm modifika zghira anke fil-piena.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant Joseph Portelli hati skond it-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet, u minnhom tilliberah, kif ukoll thassarha u tirrevokaha fejn ikkundannatu multa ta’ sittin lira, u minflok dik il-multa tikkundannah ghall-multa ta’ hamsin lira (Lm50), konvertibbli f’ghaxart ijiem prigunerija f’kaz li din ma tithallasx skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata

fil-bqija. U peress li l-obbligazzjoni bil-miktub ma saritx quddiem l-ewwel qorti, din il-Qorti tordna li l-appellant jobbliga ruhhu bil-miktub skond il-formola annessa ma' din is-sentenza.

---

**<u>Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9</u>**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-16 ta' Marzu, 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Portelli**, kif modifikata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 10 ta' Lulju, 2006, jien hawn taht iffirmat, Joseph Portelli (I.D. 66849(G)), nobbliga ruhhi li nzomm il-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd u li nzomm il-kwiet ma', u li ma nimmolestax u ma ningurjax lil, Peter Paul Portelli, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm 100) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal tnax-il xahar mill-lum.

______________________

(Joseph Portelli)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 10 ta' Lulju, 2006.

______________________

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------